


# Is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħerba

**Kitba ta' Chev Frank Borda Vassallo**



F'Birkirkara tinsab knisja miżmuma b'qima kbira min nies tad-djoċesi kollha, bħala post fejn is-Sema għoġbu juri għeġubijiet kbar, u għalhekk jgħidulha santwarju. Din il-knisja hija ddedikata lill-Madonna u mlaqqma "Tal-Ħerba".

U għaliex din il-knisja msejħa tal-Ħerba? Il-kavalier A. Fernis qal illi dan kien imħabba li l-ewwel knisja qadima ġiet imwaqqfa f'post imħarbat u minsi. Iżda l-bost fejn hi mibnija l-knisja ma jidhirx li kien imħarbat u lanqas nafu kif kellu jkun minsi. Meta sewwa ġiet imwaqqfa din il-knisja ma nafx. Biss nafu illi meta l-Isqof Cagliares fl-1615 ġie jagħmel żjara pastorali f'Birkirkara semma lill-knisja msejħa tal-Ħerba. Miż-żjajjar ta' dan l-Isqof nieħdu li l-knisja kienet għall-qima ta' tlugħ is-Sema tal-Madonna iżda l-kwadru tagħha kien juri l-Madonna tal-grazzja.

Farres sab x'imkien li l-knisja reġgħet ġiet imġedda fl-1640 mill-qima tal-insara.

L-isqof Bueno fl-1668 kiteb illi fuq ix-xellug tal-knisja hemm il-kappella l-qadima imsejħa ta' Santa Marija tal-Ħerba. Qalilna wkoll illi t-titular tal-knisja issa kien it-twelid tal-Madonna u li l-knisja kienet miżmuma b'qima kbira u jmorru jżuruha ħafna nies mhux biss mir-raħal iżda mill-gżira kollha u fiha ma' tal-isem isir ħafna quddies.

Dsatax-il sena wara naqraw bil-kwadru li juri fuq ix-xbieha tal-Madonna bil-Bambin u taħt San Ġwann l-Anġlu Kustodju u l-Erwieħ tal-Purgatorju jiġifieri kwadru tal-Madonna tal-Grazzja dak stess li għadu jidher illum. L-Isqof Buenu fl-1668 kiteb illi fuq ix-xellug tal-knisja hemm il-Kappella l-Qadima msejħa ta' Santa Marija tal-Ħerba. Qalilna wkoll li l-knisja kienet miżmuma b'qima kbira u jmorru jżuruha ħafna neis u fiha ġew ħafna quddies.



Il-Koppla tas-Santwarju

L-Isqof Albturan fiż-żjara tiegħu tal-1736 ma qalilniex iktar ġdid milli s-saqaf tal-knisja kien knejjes u li l-bieb ewlieni li kien dak li jħares nofs in-nhar kont titla għalih b'sitt tarġiet. Il-festa kienet issir fit-8 ta' Settembru u semma l-quddies l-ieħor li kien isir matul is-sena xi fondazzjoni mħollija.

Fis-seklu tmintax il-qima lejn din il-knisja kibret sewwa. Dan jixduha l-għadd ta' wiegħdi mdendlin fil-knisja li jġibu fuqhom snin dak is-seklu. Jixhduh ukoll dawk il-kitbiet fuq żewġ ħamiet kbar fil-korsija tal-knisja.


Is-Santwarju l-Antik

L-Ewwel waħda dik li ġġib l-arma tal-Papa tgħid: Il-Papa Piju VI żejjen lil din il-knisja b'favuri u grazzi ġodda għalhekk kull qassis jew patri kull darba li jqaddes quddies fl-altar tagħha taħt l-Isem tat-twelid ta' l-Imqaddsa Marija bla tebgħa għar-ruħ ta' xi nisrani kif ukoll bħala sufraġu tintrebah l-indulġenza. Dan il-privileġġ jibqa jiswa għaż-żmienijiet li għad iridu jiġu.

Dawn l-indulġenzi baqgħu jiżdiedu iktar il-quddiem minn ħafna Papiet u Isqfijiet ta' Malta tant illi llum f'din il-gzira ftit marru knejjes mogħnija b'indulġenzi bħal dan is-Santwarju. Il-kitba fuq l-irħama ta' quddiem hu f'arma ta' l-Isqof tfakkarna fil-konsagrazzjoni tagħha li saret is-sena ta' wara l-konsagrazzjoni tal-knisja parrokkjali u kolleġġjata l-ġdida.

Din il-knisja magħrufa minn ħafna nsara li jiġu jżuruha li l-qima tan-nies biddlitha f'għamla iktar kbira u sabiħa. L-Illmu u Rmu Fr. Vincenzo Labini, Isqof ta' Malta, ikkonsagra b'ċerimonja solenni fit-23 ta' Marzu 1785. Fl-altar ġew magħluqin ir-relikwiji tal-Qaddisin martri: Innoċenzo, Vincenzu, Urbanu u Fawstu u bħala tifkira tal-konsagrazzjoni tagħha ġeigħel li tkun iċċelebrata bis-solennita` kollha, kull sena fit-tieni Ħadd ta' wara l-għid.



*Is-Saqaf tas-Santwarju*

Fl-1797 saru xi xogħlijiet fil-fabrika ta' din il-knisja u dan nafuh minn talba li għamel il-prokuratur ta' dak iż-żmien biex iġib il-flus mill-bank ta' l-Universita` biex ikun jista' jkompli x-xogħol.Il-prepostu Dun Alfons Borg u l-kapitlu tal-Kolleġjata ta' B'Kara talbu għall-inkoronazzjoni tal-Madonna. L-Isqof għen u l-kapitlu ta' San Pietru ta' Ruma laqa t-talba u fit-13 ta' Frar 1910 ingħata d-digriet tal-inkoronazzjoni ta' din il-Madonna.

L-Ewwel ġimgħa ta' Awissu tal-1910 ma tintesa qatt fl-istorja ta' Birkirkara il-għaliex fiha saru żewġ festi waħda ta' parti u l-oħra tar-reliġjon li kellhom ikomplu jgħollu l-isem ta' dan ir-raħal għaż-żminijiet ta' wara. Nhar l-Erbgħa it-3 ta' dak ix-xahar ġiet mikxufa u lesta minn kollox il-pittura li tgħaxxaq is-saqaf tal-knisja kolleġjata u l-Ħadd ta' wara is-7 ta' l-istess xahar fl-istess knisja kolleġjata saret il-koronazzjoni solenni tal-Madonna tal-Ħerba.


Is-Saqaf tas-Santwarju

Fil-għodu l-isqof ta' Malta Mons. Pietru Pace, mgħejjun mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Fra. Giov Maria Camilleri, u l-kapitlu tal-Katidral qiegħed il-kuruna tad-deheb fuq ras il-Madonna u oħra fuq ras il-Bambin. Ix-xhieda kienu l-Imħallef Dr. A. Micallef u l-Imħallef Dr. A. Parnis u ħadu sehem il-Kanonfontiċju u l-komunitajiet reliġjuzi kollha tal-gżira. Wara nofs in-nhar saret purċissjoni għall-knisja tal-Ħerba li fiha ħadu sehem il-knejjes kollha kapitulari tal-gżira. Minn dik is-sena l'hawn il-festa tal-Madonna tal-Ħerba baqgħet issir fl-ewwel Ħadd ta' Awissu flok fil-Vittorja kif kienet qabel u din it-tibdila saret biex tibqa sejra kull sena t-tifkira ta' l-inkurunazzjoni.



*Parti mis-Saqaf tas-Santwarju*

Iżda dik li l-Madonna hija Sultana tal-Grazzji ma hemmx għalfejn jiġi l-ewwel Ħadd ta' Awissu biex niftakru u biż-żejjed wieħed jagħmel żjara lil din il-knisja tagħha u jara mdendlin mal-ħitan ħbula ta' bastimenti ktajjen ta' l-ilsiera, karozzi, żraben tal-ħadid għal-saqajn il-morda, wegħdiet tal-fidda fosthom ventaltar sabiħ bl-armi tas-salib ta' Ġerusalem u arma bil-kelma D OZ miktuba fuqha bil-bukkett sabiħ tal-ganutell bi xbieha tar-Rebħa ta' Malta u l-Ordni fuq it-Torok u għadd kbir ta' kwadri li juru ħelsien mill-għarqa minn korramenti minn mardijiet koroh, mill-jasar mogħti f'din minn żmienijiet bogħod sal-lum minn insara ta' kull klassi li slikkja f'dan il-wied tad- dmugħ qiegdħu t-tama fagħhom fil- madonna "Tal-Ħerba" u qalgħu dak li talbu. It-tkabbir tal-knisja li kien ilu ħafna maħsub issa beda jinħass iżjed, il-għaliex l-inkoronazzjoni tal-Madonna kompliet żiedet il-għadd ta' nies li jiġu jżuruha minn Malta kollha. Il-prokuratur tas-Santwarju Kostantin Grech li kien tħabat mhux ftit għall-inkurunazzjoni kien jaħdem għal dan it-tkabbir meħtieġ u Ernestu Pace, mqanqal mill-qima lejn il-Madonna ta b'xejn l-art li kienet tinħtieġ biex ma' dak li kellha l-knisja tista' titkabbar kif jidher mill-atti ta' Nurtar Kalcidon Gatt tal-5 ta' Marzu 1912. Il-Pjanta tat-tkabbir tas-Santwarju li għamel il-Perit Edwin Vassallo ingħoġbot u mgħajjem mill-Prepostu Dun Karm Zammit, f'Lulju 1920 il-prokuratur talab lill-Isqof biex jista' jsir dan it-tkabbir dak li l-Isqof tah b'digriet tal-iktar xahar ta' wara. Bdew jinġemgħu l-flus u fit-8 ta' Marzu 1923 inbeda x-xogħol taħt l-imgħallem Mastru Karm Sammut.

Illum il-knisja kif inhi mkabbra għandha għamla ta' salib latin bil-knisja l-qadima bħala korsija. It-tul mill-bieb sal-ħajt tal-kor hu 18 u nofs pied, il-wisa minn tarf tal-kappellun għat-tarf l-ieħor 61 u nofs pied u l-wisa madwar 16-il pied. L-Arkitettura hija fuq l-istil korint u l-knisja kompluta b'kollox li l-għoli tagħha mill-anterna sal-qiegħa huwa fuq id-69 pied. Il-prospettiva sabiħa tar-rħam u l-altar li kellha sabu posthom fil-ġdida, u l-oratorju, kappella tal-ġenb sagristija u kampnar baqgħu il-qodma kif kienu.